

- (5) L-Artikolu 79(2)(b) TFUE jinsab taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat. Skont il-Protokoll 21 tat-Trattati, miżuri adottati skont it-Titolu V ma japplikawx għar-Renju Unit (jew l-Irlanda) sakemm huwa ma jesprimix ir-rieda tiegħu li "jipparteċipa fihom". Bl-għażla żbaljata tiegħu tal-Artikolu 48 TFUE, minflok tal-Artikolu 79(2)(b) TFUE, bħala bażi legali sostantiva tad-Deċiżjoni, il-Kunsill irrifusuta li jirriko noxxi d-dritt tar-Renju Unit li jagħżel li ma jipparteċipax fid-deċiżjoni u li jkun marbut biha.
- (6) Għaldaqstant l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2011/863/UE, tas-16 ta' Diċembru 2011, qed jiġi mitlub fuq il-bażi li din ġiet adottat fuq il-bażi legali żbaljata, bil-konsewġenza li d-drittijiet tar-Renju Unit skont il-Protokoll 21 ma ġewx rikonoxxuti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 341, p. 1.

(2) L-Artikolu 16(6)(c) taċ-ĊIVA, hekk kif interpretat mis-sentenza kkontestata (fis-sens li t-taxxa ta' w提醒) riklam kummerċjali ma tikkostitwixx ammont imħallas fisem id-destinatarju tas-servizzi, minkejja li mill-perspettiva ta' kontabbiltà huma rreġistra f'kontijiet sospiżi ta' terzi u huma intiżi li jiġu sottomessi lil entitajiet pubbliċi, u f'dan ir-rigward ma hijiex eskluża mill-bażi taxxabbi tal-VAT) huwa kompatibbli mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 11A(3)(c) tad-Direttiva 77/388/KE [li issa sar l-Artikolu 79(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28.11.2006], b'mod partikolari bħala kunċett ta' "ammonti rċevuti minn persuna taxxabbi mix-xerrej jew il-klient bħala ħlas lura għall-ispejjeż mħallsa fl-isem u għall-akkont ta' l-aħħar u li huma mdahħħla fil-kotba tiegħu f'kont ta' bilanċ [sospiż]"?

**Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall) fis-27 ta' Diċembru 2011 — TVI Televisão Independente SA vs Fazenda Pública**

**(Kawża C-659/11)**

(2012/C 49/35)

Lingwa tal-kawża: il-Portugħ

### Qorti tar-rinvju

Supremo Tribunal Administrativo

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: TVI Televisão Independente SA

Konvenuta: Fazenda Pública

### Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 16(1) taċ-ĊIVA [Código do Imposto sobre o Valor Acrescentado (Kodiċi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud)], hekk kif interpretat mis-sentenza kkontestata (fis-sens li t-taxxa ta' w提醒) riklam kummerċjali hija inerenti għall-provvista ta' servizzi pubbliċitarji u li għalhekk għandha tiġi inkluża fil-valur taxxabbi tal-provvista ta' servizzi permezz tal-VAT) huwa kompatibbli mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 11A(1)(a) tad-Direttiva 77/388/KE <sup>(1)</sup> (li issa sar l-Artikolu 73 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE <sup>(2)</sup>, tat-28.11.2006), b'mod partikolari bħala kunċett ta' "konsiderazzjoni li kien jew irid jinkiseb mill-fornitur mix-xerrej [...] għal dawn il-provvisti"?

<sup>(1)</sup> Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġiġiet tal-Istati Membri dwar taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23)

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

**Digriet tal-President tat-Tielet Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda**

**(Kawża C-356/10) <sup>(1)</sup>**

(2012/C 49/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 246, 11.09.2010.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Novembru 2011 — 4care AG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Laboratorios Diafarm, SA**

**(Kawża C-535/10 P) <sup>(1)</sup>**

(2012/C 49/37)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 30, 29.01.2011.